31990R3597

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3597/90
tat-12 ta' Diċembru, 1990
dwar ir-regoli ta' kontabilità ta' miżuri ta' intervent għal xiri għal ħżin, ħżin u bejgħ ta' prodotti tal-biedja minn aġenziji ta' intervent

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3492/90 tas-27 ta' Novembru, 1990, li jistabbilixxi l-elementi li għandhom jitqiesu fil-kontijiet ta' kull sena għall-finanzjament mill-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija, Sezzjoni Garanzija [1], ta' miżuri ta' intervent f'għamla ta' ħżin pubbliku, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,

Billi ċerti movimenti finanzjarji jsiru wara operazzjonijiet materjali ta' ħżin li jikkawżawhom; billi l-ammonti li jiddaħħlu fil-kontijiet ma jistgħux ikunu stabbiliti *a priori*; billi, għalhekk, jeħtieġ li jingħad li l-kontijiet isiru fi żmien differenti mill-operazzjoni materjali biex ikunu evitati korrezzjonijiet *a posteriori* ta' kontijiet li jkunu diġa ngħalqu; billi għandhom ikunu stabbiliti regoli biex issir stima ta' kwantitajiet li ma jinstabux u li jkunu jaqbżu l-limiti ta' tolleranza għal konservazzjoni jew proċessar, kwantitajiet mitlufa waqt ġarr jew minħabba kawżi li jistgħu ikunu magħrufa, u għal kwantitajiet li jkunu tħassru jew inqerdu;

Billi għandhom jissemmew l-operazzjonijiet li jitħallew barra mill-kalkolu ta' l-ispejjez għal dħul jew tneħħija ta' prodotti;

Billi fil-każijiet fejn ma jkunux applikati l-limiti ta' tolleranza, l-Istati Membri għandhom ikunu l-garanti għall-kwantitajiet kollha tal-prodott li jkunu ġew ikkonsenjati; billi din l-għażla għandha tapplika għas-sena finanzjarja kollha;

Billi, biex ikunu evitati korrezzjonijiet retroattivi tal-kontijiet, għandu jkun hemm regoli ta' kontabilità għal każijiet fejn jinstab li kwantitajiet maħżuna ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet li jirregolaw il-ħżin;

Billi jeħtieġ li jkun hemm regoli sempliċi ta' kontabilità li japplikaw fil-każ li jkun hemm bidliet f'xahar dwar l-elementi wżati biex isir il-kalkolu;

Billi l-miżuri li jissemmew f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-FAEGG,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Skond il-miżuri msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3492/90:

1. spejjeż li ma jkunux skond ammonti standard jistgħu jiddaħħlu fil-kontijiet ta' ħżin pubbliku bħala operazzjonijiet materjali għax-xahar li fih isir il-ħlas;

2. ammonti miġbura jew irkuprati skond l-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 3492/90 għandhom jiddaħħlu fil-kontijiet ta' ħżin pubbliku bħala operazzjonijiet materjali għax-xahar li fih isir il-ġbir;

3. il-ħlasijiet u l-ġbir imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jitqiesu li saru fiż-żmien imsemmi fl-Artikolu 9(2)(ċ) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2776/88 [2];

4. l-ispejjeż ta' finanzjament sat-tmiem ta' sena finanzjarja, kif jipprovdi l-Artikolu 2(3) u (4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 411/88 [3], għandhom jiddaħħlu fil-kontijiet ta' dik is-sena finanzjarja għall-għadd ta' jiem li jkun fadlilhom jitqiesu sa dik id-data, u l-bqija għandhon jiddaħħlu fis-sena ta' wara.

Il-kalkolu ta' dawk l-ispejjeż finanzjarji għandu jkun suddiviż skond il-perjodi ta' validità tar-rati ta' imgħax.

Artikolu 2

1. Sakemm dispożizzjonijiet speċjali fl-Anness ma jipprovdux xort'oħra, il-valur ta' kwantitajiet li ma jinstabux:

— u li jaqbżu t-tolleranza għal konservazzjonijiet u proċessar,

jew

— minħabba serq jew kawżi li jistgħu jkunu magħrufa,

għandu jkun ikkalkolat billi dawn il-kwantitajiet ikunu mmultiplikati bil-prezz bażiku ta' l-intervent fis-seħħ għall-kwalità standard fl-ewwel jum tas-sena finanzjarja kurrenti, miżjud b'5 %.

2. Fejn regolamenti tal-Komunità ma jkunu stabbilew ebda valur speċifiku, il-valur ta' kwantitajiet li ma jinstabux minħabba trasferiment jew trasport għandu jkun stabbilit skond il-paragrafu 1.

3. F'każijiet ta' taħsir jew qirda tal-prodott minħabba:

[1] ĠU L 337, ta' l-4.12.1990, p. 3.

[2] ĠU L 249, tat-8.9.1988, p. 9.

[3] ĠU L 40, tat-13.2.1988, p. 25.

(a) inċidenti, sakemm dispożizzjonijiet speċjali fl-Anness ma jipprovdux xort'oħra, il-valur ta' kwantitajiet milquta għandu jkun ikkalkolat billi dawn il-kwantitajiet ikunu mmultiplikati bil-prezz bażiku ta' l-intervent fis-seħħ għall-kwalità standard fl-ewwel jum tas-sena finanzjarja kurrenti, imnaqqas b'ħamsa fil-mija;

(b) diżastri naturali, il-valur tal-kwantitajiet milquta għandu jkun stabbilit b'deċiżjoni speċifika;

(ċ) kondizzjonijiet ħżiena ta' konservazzjoni speċjalment minħabba metodi ta' ħżin mhux tajba, il-valur tal-prodott għandu jitqies skond il-paragrafu 1;

(d) ħżin twil iżżejjed, il-valur tal-prodott għandu jkun stabbilit malli jsir il-bejgħ tal-prodott skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 26 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2727/75 [1] jew, kif jixraq, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu li jaqbel f'Regolamenti oħra li jistabbilixxu organizzazzjonijiet komuni ta' swieq agrikoli; f'liema każ għandu jitqies id-dħul mill-bejgħ għax-xahar li fih il-prodott ikun tneħħa.

4. Stati Membri għandhom jgħarrfu bla dewmien lill-Kummissjoni dwar każijiet fejn jekk iż-żmien ta' ħżin ta' prodott itul aktarx li dak il-prodott jitħassar.

Id-deċiżjoni għall-bejgħ tal-prodott għandha tittieħed skond ir-Regolamenti applikabbli għal dak il-prodott.

5. Sabiex ikun stabbilit il-valur tal-kwantitajiet imsemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 (a) u (ċ):

— m'għandhomx jitqiesu żjidiet, *premiums*, tnaqqis, perċentwali u ko-effiċjenti li japplikaw għall-prezz ta' l-intervent fil-mument tax-xiri,

— ir-rata ta' kambju applikata għandha tkun ir-rata agrikola fis-seħħ fl-ewwel jum tas-sena finanzjarja għal dak il-prodott.

Artikolu 3

1. Għal kwantitajiet imsemmija fl-Artikolu 2, li ma jinstabux jew li jkunu tħassru, l-ispejjeż meħtieġa biex dawn jitneħħew għandhom jitqiesu biss fejn ikun hemm prodotti li jkunu nbiegħu skond il-paragrafi (d) u 4 ta' dak l-Artikolu.

2. Kwantitajiet mitlufa waqt il-ġarr bejn Stat Membru u ieħor m'għandhomx jitqiesu li daħlu għal ħżin u għalhekk ma jikkwalifikawx għal spejjez normali ta' dħul.

3. Meta prodott ikun ġie trasportat jew trasferit, spejjeż ta' dħul jew tneħħija, stabbiliti skond rati fissi għal dan l-iskop, għandhom jiddaħħlu fil-kontijiet jekk l-istess spejjeż ma jkunux jikkwalifikaw bħala parti integrali mill-ispejjeż tat-trasport skond ir-regoli tal-Komunità.

Artikolu 4

L-ammonti standard jistgħu jiżdiedu iżda l-Istat Membru għandu jiddikjara li għall-perjodu kollu li jkollu x'jaqsam u għall-ħżin kollu tal-prodott li jkun, ma japplikawx il-limiti ta' tolleranza u li jiggarantixxi l-kwantità.

Din id-dikjarazzjoni għandha tkun indirizzata lill-Kummissjoni u għandha tintbagħat qabel ma l-Kummissjoni tirċievi l-ewwel dikjarazzjoni ta' kull xahar tas-sena finanzjarja li jkollha x'taqsam jew, jekk il-prodott in kwistjoni ma jkunx f'ħażna ta' intervent fil-bidu tas-sena finanzjarja, mhux aktar tard minn xahar wara dak li fih il-prodott ikun inħażen għall-ewwel darba.

Artikolu 5

L-ispejjeż kollha ta' trasport imħallsa jew miġbura skond ir-regoli tal-Komunità waqt ix-xiri għal ħżin tal-prodotti għandhom jiddaħħlu fil-kontijiet bħala spejjeż tekniċi separati mill-prezz tax-xiri.

Artikolu 6

1. Kampjuni oħra barra dawk meħuda mix-xerrejja għandhom ikunu stmati skond l-Artikolu 2(3)(a).

2. Jekk, wara li ssir spezzjoni viżwali skond l-inventarju ta' kull sena, il-prodott ma jkunx jista' jerġa jiġi ppakkjat, l-organizzazzjoni ta' intervent tista' tbiegħ il-kwantità li tifdal b'kuntratt privat. Din il-kwantità għandha titqies li tkun tneħħiet fil-jum meta jittieħdu kampjuni u d-dħul li jirriżulta għandu jgħaddi lill-FAEGG għall-istess xahar.

Artikolu 7

1. Kwantitajiet imdaħħlin għal ħżin li jinstabu li ma jkunux jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' ħżin, għandhom jidhru fil-kontijiet bħala mibjugħa fil-mument li jinħarġu mill-ħżin bl-istess prezz li bih ikunu nxtraw.

2. Sakemm dispożizzjonijiet speċjali fir-regoli tal-Komunità ma jipprovdux xort'oħra, spejjeż għal dħul, tneħħija, ħżin u finanzjament li jkunu diġa ddaħħlu fil-kontijiet għal kull waħda mill-kwantitajiet rifjutati għandhom jitnaqqsu u jitqiesu separatament.

(a) L-ispejjeż għal dħul u tneħħija li jitnaqqsu għandhom ikunu kkalkolati billi l-kwantitajiet rifjutati jkunu mmultiplikati bit-total ta' l-ammonti standard rispettivi u bir-rata ta' kambju agrikola għax-xahar li fih issir it-tneħħija.

(b) L-ispejjeż tal-ħżin għandhom ikunu kkalkolati billi l-kwantitajiet rifjutati jkunu mmultiplikati bin-numru ta' xhur li jkunu għaddew bejn dħul u tneħħija, bl-ammont standard u bir-rata ta' kambju agrikola għax-xahar li fih issir it-tneħħija.

(ċ) L-ispejjeż tal-finanzjament li jitnaqqsu għandhom ikunu kkalkolati billi l-kwantitajiet rifjutati jkunu mmultiplikati bin-numru ta' xhur li jkunu għaddew bejn dħul u tneħħija, wara li

[1] ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, p. 1.

jitnaqqsu n-numru ta' xhur ta' dewmien fil-ħlas applikabbli fil-mument ta' dħul, bir-rata ta' finanzjament applikabbli matul ix-xahar ta' tneħħija diviż bi 12 u bil-valur medju skond il-kotba tal-ħażniet miġjuba 'l quddiem fil-bidu tas-sena li fiha jsiru l-kontijiet..

3. L-ispejjeż imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom jitniżżlu fil-kontijiet taħt l-operazzjonijiet materjali tax-xahar ta' tneħħija.

Artikolu 8

Fejn ikun hemm bidla fir-rati agrikoli, fl-ammonti standard, fil-kondizzjonijiet ta' ħlas, fir-rati ta' imgħaxijiet jew f'elementi oħra wżati għall-kalkolazzjoni wara l-ewwel tax-xahar, l-elementi l-ġodda għandhom japplikaw u jibdew mill-operazzjonijiet materjali tax-xahar ta' wara.

Artikolu 9

Il-valur tal-kwantitajiet mixtrija għal ħżin u mibjugħa għandu jkun ugwali għat-total ta' ħlasijiet (xiri għal ħżin) u dħul (bejgħ) li jkunu saru jew ser isiru għal operazzjonijiet rilevanti għas-sena finanzjarja in kwistjoni.

Artikolu 10

Il-kwantitajiet kollha żejda li jistgħu jkunu stabbiliti għandhom jitniżżlu fil-kontijiet bħala ammont negattiv fid-dokumenti tal-ħżin mal-kwantitajiet li ma jinstabux fix-xahar meta jkunu rreġistrati. Dawn il-kwantitajiet għandhom jiżdiedu biex isiru magħrufa l-kwantitajiet li jaqbżu l-limitu ta' tolleranza.

Artikolu 11

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-tifsira tas-sena finanzjarja għandha tkun skond l-Artikoli 3(7) u 6 (2) tar-Regolament (KEE) Nru 2776/88.

Artikolu 12

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum li jkun ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Huwa għandu japplika b'seħħ mill-1 ta' Ottubru, 1990.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-12 ta' Diċembru, 1990.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

DETTALJI DWAR INFIQ U DĦUL GĦALL-PRODOTTI DIFFERENTI [1].

I. ĊEREALI

Tnixxif

Spejjeż oħra għal tnixxif maħsub biex ibaxxi l-livell ta' umdità taħt dak stabbilit għall-kwalità standard għandhom jidħlu fil-kontijiet, bil-kondizzjoni li l-ħtieġa ta' din l-operazzjoni tkun intweriet skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 26 tar-Regolament (KEE) Nru 2727/75.

Telf fil-kwantità minħabba tnixxif m'għandux ikun inkluż meta tkun ikkalkolata t-tolleranza għal konservazzjoni.

II. ZOKKOR

1. **Rifużjoni ta' l-ispejjeż tal-ħżin**

Ir-rifużjoni ta' l-ispejjeż tal-ħżin taħt l-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 1785/81 u li jaslu għand l-aġenziji ta' intervent għandhom jidhru bħala kreditu fil-kontijiet.

2. **Tariffi**

Meta jinbiegħ iz-zokkor, it-tariffa msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 1785/81 għandha tkun inkluża fil-prezz imħallas mix-xerrej; hija għandha tkun dikjarata separatament.

III. ALKOĦOL ETILIKU ĠEJ MILL-INBID

1. **Valur tal-kwantitajiet mixtrija għal ħżin**

Fil-każ ta' alkoħol mixtri għal ħżin skond l-Artikolu 40 tar-Regolament (KEE) Nru 822/87, ammont ugwali għall-għajnuna mogħtija lid-distillatur għandu jitnaqqas mill-prezz tax-xiri għal ħżin ta' l-alkoħol minn aġenziji ta' intervent u mdaħħal fil-kontijiet fl-estimi għad-distillazzjoni. Il-valur ta' l-alkoħol mixtri għal ħżin, wara t-tnaqqis ta' l-għajnuna, għandu jiddaħħal fil-kontijiet taħt it-titolu għall-kontroll ta' alkoħol. L-għajnuna li titnaqqas għandha tkun dik applikabbli għall-kwalità ta' alkoħol mibgħut għal intervent.

2. Għall-finijiet ta' l-Artikolu 2(1), (2) u (3) (a) u (ċ), il-prezz li għandu japplika huwa l-prezz pagabbli lid-distillatur wara li titnaqqas l-għajnuna msemmija fil-paragrafu 1 minflok il-prezz ta' l-intervent..

IV. TABAKK

1. **Valur tal-kwantitajiet mixtrija għal ħżin**

Għal kwantitajiet mixtrija għal ħżin, l-ammont tal-*premium* inkluż fl-ammont imħallas għandu jitnaqqas mill-ammont imħallas meta jsir ix-xiri għal ħżin u mniżżel fil-kontijiet fl-estimi għal dan il-premium. L-ammont imħallas, wara li jitnaqqas il-premium, għandu jidħol fil-kontijiet. Għal dan il-fini, meta jinxtraw balal ta' tabakk għal ħżin, l-ammont ta' premium, muri bħala weraq tat-tabakk, għandu jkun immultiplikat bil-ko-effiċjent ta' l-ipproċessar stabbilit skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 727/70.

2. Għall-finijiet ta' l-Artikolu 2(1), (2) u (3) (a) u (ċ), il-prezz ta' l-intervent użat għandu jkun il-prezz ta' l-intervent għal Varjetà Nru 7 fil-każ ta' weraq tat-tabakk u l-prezz ta' l-intervent derivat għall-istess varjetà fil-każ ta' tabakk ipproċessat u tabakk f'balal, fiż-żewġ każi mingħajr ma jitnaqqas il-premium.

V. LAĦAM TAL-MUNTUN

Għall-finijiet ta' l-Artikolu 2(1), (2) u (3) (a) u (ċ), il-prezz ta' l-intervent m'għandux jinħadem staġjonalment jew ikun derivat.

VI. LAĦAM TAL-MAJJAL

Għall-finijiet ta' l-Artikolu 2(1), (2) u (3) (a) u (ċ), il-prezz bażiku, immultiplikat bil-ko-effiċjent 0,92, għandu jintuża, minflok il-prezz ta' l-intervent.

---

[1] Għal prodotti li ma jissemmewx speċifikatament f'dan l-Anness, tapplika r-regola ġenerali.